

Brussell, 1 ta' Lulju 2022  
(OR. en)

10587/22

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2022/0206(NLE)**

---

---

**EDUC 257**  
**SOC 426**  
**EMPL 285**  
**JEUN 137**

### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Ġunju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 316 final
Suġġett:	Proposta għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Perkorsi għas-Suċċess fl-Iskola

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 316 final.

Mehmuż: COM(2022) 316 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 30.6.2022  
COM(2022) 316 final

2022/0206 (NLE)

Proposta għal

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-Perkorsi għas-Suċċess fl-Iskola**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2022) 176 final}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

*“Irrid li l-Ewropa tistinka għal aktar fir-rigward tal-ġustizzja soċjali u l-prosperità. Din hija l-wegħda li fuqha hija bbażata l-Unjoni tagħna”*  
Il-President von der Leyen, fil-Linji Gwida Poliċi

Is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ jistgħu u għandu jkollhom rwol ewlieni sabiex jagħmlu lis-soċjetajiet Ewropej aktar ġusti, aktar inklużivi u prosperużi. L-edukazzjoni tista' ssaħħaħ il-koeżjoni soċjali u tagħmel l-ekonomija tal-UE aktar reżiljenti: ir-riċerka turi li l-aċċess mit-tfal u miż-żgħażaġh minn gruppi b'introjtu baxx għal edukazzjoni ta' kwalità jgħin sabiex jiġi indirizzat il-qgħad u sabiex titwaqqaf it-trażmissjoni interġenerazzjonali tal-faqar. Madankollu, dawn l-għanijiet jistgħu jintlaħqu biss jekk is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ ikunu verament ekwi u inklużivi. L-iskejjel iridu jiżguraw li l-istudenti kollha jkollhom l-opportunità li jirnexxu u jilhq u l-potenzjal tagħhom, irrispettivament mill-karatteristiċi personali<sup>1</sup>, mill-isfond tal-familja, kulturali u soċjoekonomiku tagħhom. Dan huwa rifless fil-Prinċipji 1 u 11 tal-**Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali**<sup>2</sup>.

**L-eżiti edukattivi**, f'termini ta' għarfien, ħiliet u attitudnijiet żviluppati matul l-attenzenza skolastika, huma fatturi b'saħħithom ta' tbassir ta' haġja adulta bbilanċjata, fi stat tajjeb ta' saħħa u ta' suċċess. Imkejla f'termini ta' “kisbiet edukattivi<sup>3</sup>” u “livelli edukattivi milħuqa<sup>4</sup>”, dawn jistabbilixxu l-pedamenti għal aktar apprendiment, impjiegi futuri u haġja sodisfaċenti. L-akkwist ta' ħiliet bażiċi (il-litteriżmu, il-matematika u x-xjenza)<sup>5</sup> huwa essenzjali għall-iżvilupp akkademiku u personali tal-istudenti, filwaqt li l-ħiliet u l-kompetenzi miksuba fl-edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell qegħdin jitqiesu dejjem aktar bħala l-kredenzjali minimi għall-impjieg jew, il-bażi għal aktar apprendiment u haġja sodisfaċenti. Madankollu, ix-xejriet soċjoekonomiċi u l-istratifikazzjoni jeżerċitaw influwenza qawwija fuq l-esperjenzi u l-eżiti edukattivi tal-individwi; l-istudenti minn sfondi żvantaġġati huma rrappreżentati żżejjed fost dawk li ma jagħmlux progress suffiċjenti u huma aktar probabbli li jutilqu mill-edukazzjoni u t-taħriġ mingħajr kwalifika sekondarja tat-tieni livell. Din hija r-raġuni għaliex **it-tnaqqis tas-sehem ta' dawk li ma jagħmlux progress suffiċjenti fil-ħiliet bażiċi** u l-ġlieda kontra **t-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ**<sup>6</sup> huma miri ewlenin tal-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Kisba sal-

<sup>1</sup> Ara l-analiżi sħiħa fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

<sup>2</sup> [https://ec.europa.eu/info/strategy/priorities-2019-2024/economy-works-people/jobs-growth-and-investment/european-pillar-social-rights/european-pillar-social-rights-20-principles\\_mt](https://ec.europa.eu/info/strategy/priorities-2019-2024/economy-works-people/jobs-growth-and-investment/european-pillar-social-rights/european-pillar-social-rights-20-principles_mt)

<sup>3</sup> Il-kisba edukattiva tiffoka fuq il-progress fl-apprendiment tal-istudenti u l-litteriżmu funzjonali attwali tagħhom, bħall-kapaċitajiet fil-qari, fil-kitba, fin-numeriżmu u dawk xjentifiċi (ħiliet bażiċi).

<sup>4</sup> Il-livell edukattiv milħuq jirreferi għat-tlestija b'suċċess ta' livelli speċifiċi ta' edukazzjoni, pereżempju l-edukazzjoni primarja, l-edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell jew dik tat-tieni livell.

<sup>5</sup> Il-ħiliet bażiċi għandhom jinftiehem skont il-Programm tal-OECD għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti (PISA), li jkejjel il-kapaċità taż-żgħażaġh ta' 15-il sena li jużaw l-għarfien u l-ħiliet tagħhom fil-qari, fil-matematika u fix-xjenza sabiex jissodisfaw l-isfidi tal-ħajja reali. Għalhekk, dawk li ma jagħmlux progress suffiċjenti huma dawk l-istudenti ta' 15-il sena, li għadhom fl-edukazzjoni, li jonqsu milli jilhq u l-livell 2 ta' profiċjenza ta' PISA tal-OECD, li jitqies bħala l-livell minimu meħtieġ sabiex wieħed jipparteċipa b'suċċess fis-soċjetà. Filwaqt li l-ħiliet diġitali għandhom jitqiesu fost il-ħiliet bażiċi, dawn ma humiex indirizzati direttament mill-Perkorsi għas-Suċċess fl-Iskola, kif diġà jinsabu fiċ-ċentru ta' inizjattivi oħrajn bħall-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali.

<sup>6</sup> L-indikatur tal-UE “it-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ” (ELET) ikejjel il-proporzjon ta' dawk li għandhom bejn 18 u 24 sena li fl-aħjar każ ikunu laħqu livell edukattiv sekondarju tal-ewwel livell (jiġifieri l-livelli 0-2 tal-ISCED) li ma jkunux għadhom f'edukazzjoni u taħriġ formali jew mhux formali.

2025 taż-**Żona Ewropea tal-Edukazzjoni**<sup>7</sup>, tħabbar Perkorsi għas-Suċċess fl-Iskola (“Mogħdijiet għas-Suċċess fl-Iskejjel”) bħala inizjattiva ewlenija, li huwa għan kondiviż ukoll mill-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa fir-rapport finali ta’ Mejju 2022, li jappella għal “Żona Ewropea tal-Edukazzjoni li tkun inklużiva u li fiha ċ-ċittadini kollha jkollhom aċċess ugwali għal edukazzjoni ta’ kwalità...”. L-inizjattiva dwar il-“Perkorsi għas-Suċċess fl-Iskola” tpoġġi l-enfasi fuq it-tnaqqis tal-prestazzjoni baxxa fil-ħiliet bażiċi u ż-żieda fil-kisba tal-edukazzjoni sekondarja. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-**Żona Ewropea tal-Edukazzjoni** u lil hinn (2021-2030)<sup>8</sup> tappoġġa din l-azzjoni u tistabbilixxi **miri fil-livell tal-UE għall-2030**: is-sehem ta’ żgħażaġħ ta’ 15-il sena bi prestazzjoni baxxa fil-qari, fil-matematika u fix-xjenza għandu jkun anqas minn 15 %<sup>9</sup> u s-sehem ta’ dawk li jtitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ għandu jkun anqas minn 9 %<sup>10</sup>.

F’dan il-kuntest, il-Kummissjoni qiegħda tressaq proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Perkorsi għas-Suċċess fl-Iskola. Ir-Rakkomandazzjoni proposta se tħassar u se tissostitwixxi r-**Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2011 dwar linji politiċi sabiex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskejjel**<sup>11</sup>, filwaqt li tibni fuq l-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni ta’ din tal-aħħar. Minn meta ġiet adottata r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2011, il-pajjiżi Ewropej iffaċċjaw sitwazzjonijiet, sfidi u opportunitajiet ġodda li jinfluwenzaw ħafna s-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, li fosthom hemm numru dejjem akbar ta’ migranti mhux tal-UE, inkluż rifuġjati<sup>12</sup>, fl-età tal-iskola li ġejjin fl-UE, u l-pandemija tal-COVID. It-tħassib dwar ix-xejra li qiegħda tiddeterjora fil-prestazzjoni tal-ħiliet bażiċi (kif żvelat mir-riżultati ta’ PISA tal-2018) ħareġ b’mod prominenti fid-diskors ta’ politika. Ir-riċerka edukattiva pprovdiet għarfien ġdid u l-kooperazzjoni politika fil-livell tal-UE enfasizzat lakuni u oqsma għal aktar ħidma, u b’hekk sar xieraq li tiġi rieżaminata, aġġornata u mtejba r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2011. Il-proposta l-ġdida hija usa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni tagħha peress li tindirizza simultanjament iż-żewġ miri fil-livell tal-UE dwar il-ħiliet bażiċi u t-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ. Dan jirrifletti l-komplementarjetà ta’ dawn iż-żewġ sfidi, l-ixprunaturi tagħhom u l-miżuri sabiex jiġu indirizzati. Barra minn hekk, il-proposta tespandi l-perspettiva sabiex tindirizza aspetti oħrajn li ma ġewx koperti qabel u li għandhom impatt qawwi fuq l-eżiti edukattivi, bħall-benesseri fl-iskola.

- **L-isfidi li għandhom jiġu indirizzati mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill proposta**

Minn mindu ġiet adottata r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar linji politiċi sabiex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskejjel fl-2011, saret ħidma estensiva fil-livell Ewropeu u fl-Istati Membri. Valutazzjoni indipendenti tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni<sup>13</sup> tfassal stampa

<sup>7</sup> COM(2020)625 final.

<sup>8</sup> ĠU C 66, 26.2.2021.

<sup>9</sup> Is-sors tad-*data* huwa l-Programm tal-OECD għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti (PISA).

<sup>10</sup> Is-sors tad-*data* huwa l-Eurostat, l-Istħarriġ tal-UE dwar il-Forza tax-Xogħol. Dan l-indikatur ewlieni se jkun ikkomplementat minn indikatur ta’ sostenn dwar l-ilħuq tal-livell sekondarju tat-tieni livell, li jkejjel is-sehem ta’ persuni ta’ bejn 1-20 u 1-24 sena b’tal-anqas kwalifika sekondarja tat-tieni livell permezz ta’ *data* li ssir disponibbli mill-Eurostat, l-Istħarriġ tal-UE dwar il-Forza tax-Xogħol.

<sup>11</sup> ĠU C 191, 1.7.2011, p. 1–6.

<sup>12</sup> It-terminu “rifuġjat” jintuża f’dan it-test f’sens politiku wiesa’ aktar milli kif definit fil-Konvenzjoni ta’ Ġinevra u l-acquis tal-UE dwar l-ażil.

<sup>13</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, l-Isport u l-Kultura (2019), Donlevy, V., Day, L., Andriescu, M., Downes, P., *Assessment of the implementation of the 2011 Council recommendation on policies to reduce early school leaving: final report*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.

ġenerali pożittiva tal-impatt ta' din ir-rakkomandazzjoni u tal-istrumenti ta' politika assoċjati tal-UE (mekkaniżmi ta' monitoraġġ u rapportar fis-Semestru Ewropew; apprendiment reċiproku u kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qafas tal-ET2020; il-finanzjament, b'mod partikolari permezz ta' Erasmus+ u l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej; investiment fir-riċerka u l-komunikazzjoni). Il-valutazzjoni tikkonkludi li l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ikkontribwiet għal **tnaqqis fir-rata ta' dawk li jitolqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ (ELET) fil-livell tal-UE** (minn 13,4 %<sup>14</sup> fl-2011 għal 9,7 % fl-2021, u ħeġġet bidliet fi ħdan l-istituzzjonijiet u l-politiki edukattivi.

Madankollu, minkejja dan il-progress sinifikanti, **it-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ jibqa' sfida politika fl-Ewropa, li hija partikolarment serja f'numru ta' pajjiżi u reġjuni u għal gruppi fil-mira speċifiċi**. Illum il-ġurnata, aktar minn 3,2 miljun żaġżuġ u żaġżuġha fl-UE (ta' bejn it-18 u l-24 sena) jitolqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ u 84,3 % biss (mill-persuni ta' bejn l-20 u l-24 sena) leste w l-edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell. Għadhom jeżistu differenzi konsiderevoli bejn il-pajjiżi u fi ħdanhom u għadhom jippersistu inugwaljanzi fost gruppi speċifiċi tal-popolazzjoni: is-sehem medju ta' dawk li jitolqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ huwa ta' 3,5 punti perċentwali oġhla fost iż-żgħażaġħ irġiel (11,4 %) milli huwa fost iż-żgħażaġħ nisa (7,9 %)<sup>15</sup> u hemm żvantaġġi evidenti għaż-żgħażaġħ li twieldu barra mill-pajjiż u għall-istudenti li jgħixu f'subborgi speċifiċi, f'żoni rurali u remoti<sup>16</sup>. B'mod ġenerali, l-isfond soċjoekonomiku tal-istudenti għandu impatt qawwi fuq it-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ<sup>17</sup>.

Madankollu, il-valutazzjoni enfasizzat ukoll xi **lakuni u oqsma li fihom hija meħtieġa aktar ħidma**:

- Il-miżuri u l-azzjonijiet spiss ikunu bbażati fuq il-proġetti u fuq perjodu ta' żmien qasir, u jindirizzaw kwistjoni waħda biss, jew ma jqisux id-dimensjonijiet kollha tal-iskejjel, u b'hekk ikollhom impatt limitat; huma meħtieġa approċċi aktar sistemiċi kemm fil-livell tal-iskola kif ukoll f'dak tas-sistema peress li dawk attwali għadhom ma humiex żviluppatti biżżejjed;
- F'ħafna pajjiżi, il-miżuri ta' politika li ġew implimentati ma humiex immonitorjati u evalwati biżżejjed;
- Il-kooperazzjoni f'oqsma ta' politika differenti (bħall-edukazzjoni u t-taħriġ, is-saħħa, is-servizzi soċjali, l-impjiegi, l-akkomodazzjoni, il-ġustizzja, l-inklużjoni tal-migranti inklużi r-rifuġjati, in-nondiskriminazzjoni) u l-livelli tal-gvern (nazzjonali, reġjonali, lokali), kif ukoll id-djalogu mal-partijiet ikkonċernati, għadhom limitati wisq u ma humiex konnessi;

<sup>14</sup> EU28. Il-valur tal-EU27 huwa ta' 13,2 %.

<sup>15</sup> Id-data tal-2021.

<sup>16</sup> L-istudenti li twieldu barra mill-pajjiż ta' rapportar jinsabu f'riskju saħansitra akbar li jsiru ELET (22,4 %), b'mod partikolari jekk dak il-pajjiż kien barra mill-EU27 (23,2 %). Bħala medja, il-probabbiltà tat-tluq bikri mill-iskola hija oġhla għall-irġiel żgħażaġħ li twieldu barra mill-EU27 (25,2 %) milli għan-nisa żgħażaġħ li twieldu barra mill-EU27 (20,9 %). Il-grad ta' urbanizzazzjoni għandu rwol ukoll, bl-ibliet bħala medja jagħtu l-anqas ishma ta' dawk li jitolqu kmieni (8,6 %). Filwaqt li l-irġiel żgħażaġħ huma aktar probabbli li jitolqu kmieni fl-ibliet u fis-subborgi (13,5 %) milli fiż-żoni rurali (11,7 %), in-nisa żgħażaġħ huma fil-fatt f'riskju oġhla fiż-żoni rurali (9,2 %) milli fl-ibliet u fis-subborgi (8,7 %). Ta' min jinnota li dawn il-medji tal-UE jaħbu stampa eteroġenja ħafna madwar l-Istati Membri. Din id-data tirreferi għall-2020.

<sup>17</sup> Analiżi bir-reqqa tax-xejriet tinstab fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal u l-Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ tal-2021.

- Filwaqt li l-miżuri ta' kumpens huma stabbiliti sew, f'hafta pajjiżi, il-prevenzjoni u l-azzjonijiet ta' intervent bikri ma humiex żviluppatti biżżejjed jew ma għandhomx biżżejjed implimentazzjoni/infurzar;
- Il-bżonnijiet ta' gruppi speċifiċi spiss ma jiġux indirizzati kif xieraq (tali gruppi jinkludu studenti b'diżabilitajiet viżibbli u mhux viżibbli, studenti bi bżonnijiet edukattivi speċjali jew bi problemi ta' saħħa mentali, studenti bi sfond ta' migrazzjoni, inklużi rifuġjati, studenti li jappartjenu għal minoranzi etniċi bħar-Rom, vittmi tal-bullying); dan huwa partikolarment serju għall-istudenti bi bżonnijiet kumplessi (bħal tfal b'ġenitur fil-ħabs, vittmi ta' vjolenza domestika, tfal fil-kura, eċċ.);
- Il-miżuri mmirati lejn l-indirizzar tad-diffikultajiet relatati mal-apprendiment ma humiex integrati biżżejjed ma' miżuri li jippromwovu l-benesseri fl-iskola, jew il-bullying u s-saħħa mentali;
- L-istudenti, il-familji u l-partijiet ikkonċernati ewlenin (inklużi l-ġenituri esklużi soċjalment, il-komunitajiet ta' migranti u l-NGOs) spiss ma jkunux involuti biżżejjed fit-tfassil, fl-implimentazzjoni u fl-evalwazzjoni tal-politika;
- Il-mexxejja tal-iskejjel, l-għalliema, il-ħarrieġa u persunal edukattiv ieħor spiss ma jkunux ippreparati biżżejjed sabiex jindirizzaw il-progress insuffiċjenti u t-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ, jakkomodaw id-diversità, jagħtu appoġġ xieraq lit-tfal b'diffikultajiet jew f'riskju jew lill-istudenti bi bżonnijiet ta' benessere u ta' saħħa mentali.

Tul dawn l-aħħar għaxar snin, saru sforzi sinifikanti sabiex jitnaqqas it-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ, b'mod partikolari wara l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2011. Aktar reċentement, **il-progress insuffiċjenti fil-ħiliet bażiċi** kiseb aktar attenzjoni fid-dibattitu ta' politika fil-livell tal-UE, speċjalment mill-pubblikazzjoni tas-sejbiet tal-Programm tal-OECD għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti (PISA) tal-2018<sup>18</sup>, li jiżvela **xejra li qiegħda tiddeterjora** fil-livell tal-UE matul il-perjodu ta' bejn l-2009 u l-2018<sup>19</sup>. B'mod partikolari, PISA tal-2018 juri li:

- Illum il-ġurnata, **wieħed minn kull ħames Ewropej li għandhom 15-il sena ma jagħmlux progress suffiċjenti** (22,5 % ma jistgħux iwettqu kompiti bażiċi fil-qari, 22,9 % fil-matematika u 22,3 % fix-xjenza). Ma hemmx titjib fil-medja tal-UE u hemm differenzi kbar fost l-Istati Membri, għalkemm xi pajjiżi rnexxielhom itejbu l-prestazzjoni tagħhom maż-żmien.
- L-isfond soċjoekonomiku jaffettwa bil-qawwa l-prestazzjoni tal-istudenti u l-aspettattivi akkademiċi tagħhom fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE. Barra minn hekk, il-pajjiżi b'shem kbir ta' dawk li ma jagħmlux progress suffiċjenti għandhom ukoll it-tendenza li jkollhom differenzi kbar fil-prestazzjoni bejn l-istudenti minn sfond soċjoekonomiku vantaġġat u dak żvantaġġat.
- Il-proporzjon ta' dawk li ma jagħmlux progress suffiċjenti fil-qari fost l-istudenti bi sfond ta' migrazzjoni (kif iddefinit minn PISA tal-OECD)<sup>20</sup> huwa

<sup>18</sup> Kull tliet snin, PISA jkejjel il-kapaċità ta' dawk li għandhom 15-il sena li jużaw l-għarfien u l-ħiliet tagħhom fil-qari, fil-matematika u fix-xjenza sabiex jindirizzaw l-isfidi tal-ħajja reali.

<sup>19</sup> Analiżi bir-reqqa tax-xejriet tinstab fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal u l-Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ tal-2021.

<sup>20</sup> Il-kunċett ta' "persuni bi sfond ta' migrazzjoni" jinkludi kemm l-immigranti kif ukoll it-tfal tagħhom imwiolda fil-pajjiż (l-hekk imsejħa "it-tieni ġenerazzjoni"). Filwaqt li l-Kummissjoni tqis li l-migranti

ferm oġhla minn dak fost dawk bi sfond mhux ta' migrazzjoni f'hafta Stati Membri tal-UE<sup>21</sup>.

- B'mod ġenerali, il-pajjiżi bi proporzjonijiet żgħar ta' dawk li ma jagħmlux progress suffiċjenti għandhom it-tendenza li jkollhom ukoll proporzjonijiet għoljin ta' dawk bl-aqwa prestazzjoni, u dan jissuġġerixxi li l-eċċellenza u l-ekwità tas-sistemi tal-edukazzjoni fl-iskejjel jistgħu jmorru id f'id<sup>22</sup>.
- Il-prestazzjoni tal-bniet hija ferm aħjar minn dik tas-subien fil-profiċjenza tal-qari, u hemm differenza persistenti bejn il-ġeneri favur il-bniet fix-xjenza<sup>23</sup>. Dan huwa kkonfermat mid-*data* nazzjonali, li turi wkoll li s-subien huma aktar probabbli li jkunu assenti mill-iskola mill-bniet<sup>24</sup>.

Barra minn hekk, ir-riżultati tal-International Computer and Information Literacy Study (ICILS)<sup>25</sup> tal-2018 juru li **għoxrin fil-mija taż-żgħażaġh fl-UE ma għandhomx ħilet diġitali bażiċi** filwaqt li jiżvelaw l-impatt tal-istatus soċjoekonomiku fuq il-litteriżmu diġitali: bħala medja, studenti minn sfondi ta' status soċjoekonomiku oġhla għandhom punteġġi ferm oġhla ta' litteriżmu fl-informazzjoni dwar il-kompjuter u studenti b'ġenitur li kien lesta grad ta' Baċċellerat jew oġhla jikklassifikaw ukoll f'livell oġhla minn dawk li l-ġenituri tagħhom ma għandhomx grad.

Fl-Istrateġija Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030 sabiex tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tagħhom tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità li kollha huma firmatarji tagħha,<sup>26</sup> il-Kummissjoni tenfasizza d-distakk fil-kisbiet edukattivi bejn iż-żgħażaġh b'diżabilità u dawk mingħajr diżabilità, minħabba nuqqas ta' inklużività u aċċessibbiltà tas-sistema tal-edukazzjoni. Hafta tfal u żgħażaġh b'diżabilità huma rreġistrati fi skejjel speċjali li mhux dejjem joffru rabtiet effettivi mal-edukazzjoni ġenerali.

L-aħħar riżultati ta' PISA xeħtu dawl ukoll fuq nuqqasijiet addizzjonali u ugwalment inkwetanti fis-sistemi tal-edukazzjoni, li jistgħu jinfluwenzaw l-eżiti edukattivi: **il-benesseri**

---

huma biss ċittadini ta' pajjiżi terzi, id-definizzjoni ta' PISA tal-OECD għall-istudenti bi sfond ta' migrazzjoni tinkludi l-istudenti kollha li twieldu barra mill-pajjiż (kemm tal-UE kif ukoll mhux tal-UE), kif ukoll l-istudenti nattivi b'ġenituri li twieldu barra mill-pajjiż.

<sup>21</sup> Is-sitwazzjoni normalment tkun aġħar għall-istudenti li twieldu barra mill-pajjiż milli għall-istudenti nattivi b'ġenituri li jkunu twieldu barra mill-pajjiż. Status soċjoekonomiku żvantaġġat spiss jinstab flimkien ma' sfond ta' migrazzjoni.

<sup>22</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, l-Ispert u l-Kultura (2019), *PISA 2018 and the EU: striving for social fairness through education*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet <https://data.europa.eu/doi/10.2766/964797>. Għal analiżi dettaljata, ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

<sup>23</sup> Għall-matematika, l-istampa hija aktar imħallta, peress li d-*data* ta' PISA tal-2018 turi li bħala medja s-subien imorru aħjar mill-bniet b'mod marġinali, iżda li d-distakk qiegħed jonqos b'mod kostanti: il-bniet qegħdin imorru aħjar mis-subien f'numru dejjem akbar ta' pajjiżi. Ara *PISA 2018 results (volume II) – Where all students can succeed* tal-OECD (2019). PISA, il-pubblikazzjoni tal-OECD. Disponibbli fuq: [https://www.oecd-ilibrary.org/education/pisa-2018-results-volume-ii\\_b5fd1b8f-en](https://www.oecd-ilibrary.org/education/pisa-2018-results-volume-ii_b5fd1b8f-en).

<sup>24</sup> OECD (2015). *The ABC of Gender Equality in Education. Aptitude, Behaviour, Confidence*. PISA, il-pubblikazzjoni tal-OECD. Disponibbli fuq: <https://www.oecd-ilibrary.org/docserver/9789264229945-en.pdf?expires=1610634769&id=id&accname=guest&checksum=66B1763A84CB2A7C21B3829FBC7B8E3B>

<sup>25</sup> <https://www.iea.nl/news-events/news/icils-2018-results>

<sup>26</sup> COM(2021) 101 final: Unjoni ta' Ugwaljanza: L-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030.

**tal-istudenti fl-iskola<sup>27</sup> (imkejjeġ bħala s-sens ta' appartenenza tal-istudenti fl-iskejjeġ) qiegħed jonqos u l-bullying/l-bullying ċibernetiku huwa mifruġ u qiegħed jiżdied<sup>28</sup>.** Ir-riċerka tenfasizza li l-bullying fl-iskejjeġ għandu konsegwenzi devastanti fuq il-benesseri tal-istudenti u fuq il-kisbiet akkademiċi u jżid ir-riskju li dawn jitolqu mill-iskola qabel iż-żmien<sup>29</sup>. Ir-riċerka tikkonferma wkoll li **t-titjib tal-benesseri tal-istudenti**, inkluż permezz tal-edukazzjoni soċjali u emozzjonali<sup>30</sup> u l-prevenzjoni tal-bullying, huwa **kruċjali għat-titjib tal-eżiti edukattivi<sup>31</sup>**. Il-benesseri emozzjonali u s-saħħa mentali fit-tfal u fiż-żgħażaġħ saru wkoll kwistjoni ewlenija fl-Ewropa, u madwar 10 sa 20 % tat-tfal tal-iskola jesperjenzaw problemi relatati mas-saħħa mentali matul is-snin tal-iskola tagħhom, u b'nofshom jiżviluppaw problemi qabel ma jkollhom 14-il sena, b'mod partikolari l-ansjetà u d-depressjoni. Din hija problema ewlenija li taffettwa b'mod negattiv l-eżiti edukattivi. Jekk l-iskejjeġ waħedhom ma jkunux jistgħu jsoġġu dawn il-problemi, dawn jistgħu jgħinu sabiex jiġu indirizzati problemi relatati mal-benesseri u s-saħħa mentali f'kooperazzjoni mal-komunità lokali u mal-professionisti u l-aġenziji esterni<sup>32</sup>.

Il-faqar u l-fatturi soċjoekonomiċi huma elementi ta' konnessjoni li jirfdu dawn l-isfidi: **l-isfond soċjoekonomiku tal-istudenti u tal-familja tagħhom għadu l-aktar fattur determinanti fir-riżultati edukattivi**, u dan jindika riskju persistenti ta' trażmissjoni interġenerazzjonali tal-iżvantaġġi u tnaqqis fil-mobbiltà soċjali 'l fuq għall-istudenti minn sfondi aktar żvantaġġati.

Sejbiet mir-riċerka internazzjonali u l-feedback riċevut mill-proċess ta' konsultazzjoni ta' qabel din il-proposta jikkonfermaw **il-ħtieġa li jiġu indirizzati b'mod konġunt il-kisbiet edukattivi u l-livell edukattiv milħuq**. Il-prestazzjoni insuffiċjenti fil-ħiliet bażiċi u diġitali u t-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ huma kwistjonijiet interkonnessi, xprunati minn taħlita ta' fatturi (individwali, relatati mal-familja, soċjali u ekonomiċi, eċċ.). L-ixprunaturi tagħhom ma humiex purament edukattivi; madankollu, ċerti karatteristiċi tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ (bħall-aċċess limitat għal edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal ta' kwalità, l-assenjazzjoni bikrija għal perkorsi edukattivi differenti, is-segregazzjoni, ir-ripetizzjoni tal-grad, l-attenzenza fi skejjeġ speċjali eċċ.)<sup>33</sup> jistgħu jkomplu jaggravaw l-inċidenza tagħhom, b'impatt partikolarment negattiv fuq dawk li jappartjenu għal gruppi aktar żvantaġġati.

Il-kriżi tal-**COVID** għamlet dawn l-isfidi saħansitra aktar sinifikanti. Minkejja li se jkunu meħtieġa aktar ħin u xogħol sabiex jiġu vvalutati l-impatti fit-tul tat-tfixkil fit-tul fl-iskejjeġ

<sup>27</sup> Il-kunċett ta' "benesseri" fl-iskola huwa kumpless u jinkludi ħafna dimensjonijiet (inkluża s-saħħa fiżika, emozzjonali u mentali). Id-definizzjonijiet huma pprovduti fil-glossarju tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

<sup>28</sup> Skont PISA tal-2018, fi 19-il Stat Membru tal-UE, aktar minn 1 minn kull 5 studenti rrapportaw li kienu soġġetti għall-bullying mill-anqas ftit drabi fix-xahar. Barra minn hekk, il-perċentwal ta' studenti soġġetti għall-bullying żdied b'mod sinifikanti fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi bejn l-2015 u l-2018.

<sup>29</sup> Ara <https://www.oecd-forum.org/posts/can-children-believe-in-us-to-invest-in-mental-health>

<sup>30</sup> L-apprendiment soċjali u emozzjonali huwa parti minn waħda mit-tmien kompetenzi għall-apprendiment tul il-ħajja ("kompetenzi personali, soċjali u tal-kapaċità ta' taġġim dwar kif titgħallem") iddefiniti bir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-Kompetenzi Ewlenin għat-Taġġim tul il-ħajja, ĠU C 189, p. 1-13.

<sup>31</sup> L-evidenza mix-xejriet tal-2019 fl-Istudju Internazzjonali tal-Matematika u x-Xjenza (TIMSS) u PISA tal-2018 tikkonferma li livelli oġħla ta' benesseri (imkejja bħala s-sens ta' appartenenza tal-istudenti fl-iskejjeġ) huma ġeneralment assoċjati ma' aspirazzjonijiet edukattivi oġħla, ma' anqas assenteiżmu u ma' eżiti aħjar ta' apprendiment fil-matematika.

<sup>32</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Generali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, l-Ispport u l-Kultura, Simões, C., Caravita, S., Cefai, C., *A systemic, whole-school approach to mental health and well-being in schools in the EU: analytical report*, 2021, <https://data.europa.eu/doi/10.2766/50546>

<sup>33</sup> Il-Kummissjoni Ewropea/EACEA/Eurydice (2020), *Equity in school education in Europe: structures, policies and student performance*, il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

fuq l-apprendiment u l-progress akkademiku, diversi studji preliminari jissuġġerixxu li l-kriżi setgħet fixklet il-progressjoni tal-istudenti u żiedet il-probabbiltà għal dawk f'riskju li ma jibqgħux iħossuhom parti mill-iskola sabiex fil-fatt jitolqu mill-iskola qabel iż-żmien. Dawn jindikaw ukoll li l-kriżi kellha konsegwenzi negattivi għall-benesseri tal-istudenti, minħabba, fost l-oħrajn, żieda fl-istress u fl-ansjetà li jirriżultaw mill-iżolament u n-nuqqas ta' kuntatt ma' sħabhom, żieda fl-esponiment għall-vjolenza domestika u tnaqqis fl-aċċess għas-servizzi essenzjali. It-tfal emarġinati soċjoekonomikament, li diġà kellhom kisbiet medji aktar baxxi qabel il-pandemija huma dawk li x'aktarx batew l-aktar matul il-lockdowns<sup>34</sup> inkluż minħabba nuqqas ta' aċċess għall-internet u/jew għal apparati elettroniċi meħtieġa għall-apprendiment virtwali<sup>35</sup>. B'riżultat ta' dan, **is-sehem ta' studenti bi progress insuffiċjenti fl-Ewropa seta' żdied b'mod konsiderevoli matul il-pandemija**. Bl-istess mod, ir-rata ta' dawk li jitolqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ hija mistennija li tiżdied fis-snin li ġejjin, anke jekk din se tiġi riflessa biss fl-istatistika fi ftit snin.

Dan jitlob **sforz imġedded sabiex jiġu promossi eżiti edukattivi aħjar u ambjent tal-iskola inklużiv għall-istudenti kollha**, irrispettivament mill-karatteristiċi personali tagħhom, mill-familja, mill-isfond kulturali u soċjoekonomiku, b'enfasi akbar fuq it-titjib tal-kisba tal-ħiliet bażiċi.

**Jeħtieġ li jkun hemm aktar attenzjoni għall-benesseri fl-iskola**, filwaqt li jitqiesu t-tagħlimiet meħuda mill-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2011 dwar it-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola, għarfien reċenti mir-riċerka u mill-proċess ta' konsultazzjoni u l-isfidi l-ġodda enfasizzati mill-kriżi tal-COVID.

Filwaqt li tibni fuq it-tagħlimiet meħuda mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2011, **il-proposta tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Perkorsi għas-Suċċess fl-Iskola stabbiliet qafas imġedded għal azzjoni** għall-Istati Membri sabiex jiżviluppaw l-istrateġija integrata tagħhom stess għat-titjib tas-suċċess fl-iskejjel, fil-livell xieraq skont l-istruttura ta' kull sistema ta' edukazzjoni u taħriġ, u appoġġat minn ġbir u monitoraġġ effettivi tad-*data*. Il-qafas aġġornat jiddeskrivi sett ta' miżuri ta' politika li jinkludu l-monitoraġġ, il-prevenzjoni, l-intervent u l-kumpens<sup>36</sup> iżda b'enfasi akbar fuq il-prevenzjoni u l-intervent bikri. L-Istati Membri jistgħu japplikaw u jikkombinaw il-miżuri ta' politika skont iċ-ċirkostanzi u l-bżonnijiet speċifiċi tagħhom.

- **L-objettivi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill proposta**

Il-proposta tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Perkorsi għas-Suċċess fl-Iskola għandha l-għan li:

---

<sup>34</sup> Analiżi u referenzi dettaljati jinsabu fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

<sup>35</sup> Pereżempju, matul il-kriżi tal-COVID, il-komunitajiet Rom esklużi u żvantaġġati ġew esposti għal impatti negattivi severi fuq is-saħħa u soċjoekonomiċi. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2021 dwar l-Ugwaljanza, l-Inklużjoni u l-Parteċipazzjoni tar-Rom tippromwovi t-tnaqqis tal-inugwaljanzi strutturali li jiffaċċjaw ir-Rom billi tindirizza, fejn rilevanti, in-nuqqas ta' faċilitajiet u ħiliet diġitali li jippermettu lir-Rom jipparteċipaw b'mod attiv fis-soċjetà, inkluż fl-edukazzjoni mill-bogħod, kif ukoll billi jiġu eliminati l-livelli għoljin ta' prekarjetà ekonomika, l-unitajiet domestiċi ffollati żżejjed, l-insedjamenti jew il-kampijiet segregati.

<sup>36</sup> Il-miżuri ta' prevenzjoni għandhom l-għan li joħolqu l-kundizzjonijiet sabiex jiġu evitati d-diżimpenn, il-progress insuffiċjenti u kwistjonijiet ta' tluq bikri, problemi relatati mas-saħħa mentali, eċċ. qabel ma jinħolqu, inkluż permezz tal-promozzjoni u l-appoġġ b'mod attiv tal-benesseri u tas-saħħa mentali fl-iskejjel. Il-miżuri ta' intervent jindirizzaw id-diffikultajiet emerġenti fi stadju bikri, inkluż fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, b'miżuri effettivi ta' appoġġ għal gruppi jew individwi. Il-miżuri ta' kumpens joffru opportunitajiet sabiex jappoġġaw lil dawk li ma jagħmlux progress suffiċjenti jew li jħossuhom diżimpenjati jew li jkunu telqu mill-iskola qabel iż-żmien.

- tissepara l-kisbiet edukattivi u l-livelli edukattivi milħuqa mill-istatus soċjali, ekonomiku u kulturali;
- tnaqqas is-sehem ta' dawk li ma jagħmlux progress suffiċjenti u ta' dawk li jitolqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell tal-UE sabiex jintlaħqu l-miri fil-livell tal-UE taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni għall-2030;
- tippromwovi l-edukazzjoni u t-taħriġ inklużivi, li jinkludu l-ekwità, il-kwalità, il-prestazzjoni akkademika, l-involvement, il-benesseri fl-iskola, is-saħħa mentali u fiżika u r-rispett għad-diversità;
- tiżviluppa ulterjorment permezz ta' apprendiment reċiproku, fehim kondiviż tal-fatturi abilitanti sabiex jitrawmu l-eżiti edukattivi u l-benesseri, b'enfasi speċjali fuq l-istudenti minn sfondi żvantaġġati.

#### • **Dimensjoni internazzjonali**

Il-proposta tikkomplementa l-ħidma fil-livell internazzjonali. Din tikkontribwixxi għal azzjonijiet li jappoġġaw l-**Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-NU tal-2030**<sup>37</sup>, b'mod partikolari l-SDG 4, edukazzjoni ta' Kwalità. Il-proposta hija konsistenti **mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità**<sup>38</sup>, li l-Artikolu 24 tagħha jipprevedi sistemi ta' edukazzjoni inklużiva. Din hija parallela mar-Rapport tan-NU dwar il-Monitoraġġ tal-Edukazzjoni Globali għall-2020 dwar l-Inklużjoni. Din tappoġġa **l-attivitajiet tal-UNESCO dwar il-vjolenza u l-bullying fl-Iskejjel**<sup>39</sup>. L-inizjattiva Perkorsi għas-Suċċess fl-Iskola hija konformi **mal-qafas tal-OECD dwar il-Boxxla tal-Apprendiment għall-2030**<sup>40</sup>.

Ir-riżultati tal-Programm tal-OECD għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti (PISA) jinformat il-proposta u jippermettu paraguni internazzjonali, li jistgħu jiġu esplorati aktar fil-kuntest tal-Grupp ta' Ħidma tal-Qafas Strateġiku taż-ŻEE dwar l-Iskejjel.

#### • **Għodod għall-appoġġ tal-implimentazzjoni**

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill proposta se tkun appoġġata minn għadd ta' strumenti differenti kif ġej:

- rapportar u monitoraġġ, b'mod partikolari fl-ambitu tas-Semestru Ewropew, it-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u l-Qafas Strateġiku taż-ŻEE;
- tagħlim bejn il-pari, skambji ta' informazzjoni u esperjenza bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari permezz tal-Grupp ta' Ħidma tal-Qafas Strateġiku taż-ŻEE dwar l-Iskejjel;
- finanzjament tal-UE (b'mod partikolari permezz ta' Erasmus+, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Fond Soċjali Ewropew+, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Programm Ewropa Diġitali, Orizzont Ewropa, l-

<sup>37</sup> <https://sdgs.un.org/>

<sup>38</sup> <https://www.un.org/development/desa/disabilities/convention-on-the-rights-of-persons-with-disabilities/convention-on-the-rights-of-persons-with-disabilities-2.html>

<sup>39</sup> <https://en.unesco.org/themes/school-violence-and-bullying/action>;  
<https://unesdoc.unesco.org/ark:/48223/pf0000374794?posInSet=4&queryId=N-EXPLORE-c62a920d-2b9e-49c7-92cd-fb700d28f564>

<sup>40</sup> Il-Boxxla tal-Apprendiment għall-2030 tal-OECD hija qafas ta' apprendiment li qiegħed jevolvi li jstabbilixxi viżjoni ta' aspirazzjoni għall-futur tal-edukazzjoni. Din toffri viżjoni wiesgħa tat-tipi ta' kompetenzi li jeħtieġ li l-istudenti jirnexxu fihom fl-2030 u lil hinn. Din tiżviluppa wkoll lingwaġġ u fehim komuni li huma globalment rilevanti u informati (<https://www.oecd.org/education/2030-project/teaching-and-learning/learning/learning-compass-2030/>)

- Istrument ta' Appoġġ Tekniku, il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, eċċ.) permezz ta' programmi/pjanijiet adottati;
- għodod Ewropej prattiċi aġġornati għall-Iskejjel sabiex jaqsmu r-riżorsi u l-prattiki<sup>41</sup>;
- grupp ta' esperti dwar strateġiji għall-ħolqien ta' ambjenti ta' apprendiment ta' appoġġ għal gruppi f'riskju ta' progress insuffiċjenti u appoġġ għall-benesseri fl-iskola;
- riċerka permezz tal-programm Orizzont Ewropa;
- it-twaqqif (minn Diċembru tal-2022) tal-Laboratorju tal-Apprendiment dwar l-Investment fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ ta' Kwalità, li se jtejjeb l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ tal-politiki u l-investimenti tal-edukazzjoni fil-livell Ewropew.

• **Il-komplementarjetà ma' inizjattivi oħrajn**

Ir-Rakkomandazzjoni tikkomplementa azzjonijiet oħrajn tal-Kummissjoni ppreżentati fil-Komunikazzjoni dwar iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u l-pjan ta' azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali. Azzjonijiet bħal dawn jinkludu:

- Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2019 dwar approċċ komprensiv lejn it-tagħlim u l-apprendiment tal-lingwi<sup>42</sup>;
- Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2019 dwar sistemi ta' edukazzjoni u kura bikrija ta' kwalità għolja tat-tfal<sup>43</sup>;
- Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2018 dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim<sup>44</sup>;
- Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2021 dwar it-tagħlim imħallat għal edukazzjoni primarja u sekondarja ta' kwalità għolja u inklużiva<sup>45</sup>;
- Djalogu strutturat dwar il-fattori abilitanti għall-edukazzjoni diġitali ta' suċċess u l-iżvilupp ta' linji gwida komuni għall-għalliema u l-persunal edukattiv sabiex jitravwem il-litteriżmu diġitali u tiġi indirizzata d-diżinformazzjoni,
- Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa<sup>46</sup>,
- Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2020 dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza<sup>47</sup>, li tipproponi viżjoni ta' politika tal-UE dwar il-VET immodernizzata, inkluż id-diġitalizzazzjoni tagħhom u l-użu ta' tagħlim imħallat, u
- Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2020 dwar Pont għall-Impjiegi – It-tishiġ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ<sup>48</sup>.

<sup>41</sup> <https://www.schooleducationgateway.eu/mt/pub/resources/toolkitsforschools.htm>

<sup>42</sup> ĠU C 189, 5.6.2019, p. 15–22.

<sup>43</sup> ĠU C 189, 5.6.2019, p. 4–14.

<sup>44</sup> ĠU C 195, 7.6.2018, p. 1–5.

<sup>45</sup> COM(2021)455 final.

<sup>46</sup> COM(2020) 274 final.

<sup>47</sup> ĠU C 417, 2.12.2020, p. 1–16.

<sup>48</sup> ĠU C 372, 4.11.2020, p. 1–9

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill proposta se tikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-pjan ta' azzjoni tiegħu, l-Istrateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-ġeneri 2020-2025 (2020)<sup>49</sup>, il-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-Ugwaljanza, għall-Inklużjoni u għall-Parteċipazzjoni 2020-2030 (2020)<sup>50</sup> u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill relatata tiegħu (2021)<sup>51</sup>; l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025 (2020)<sup>52</sup>; il-pjan ta' azzjoni dwar l-integrazzjoni u l-inklużjoni 2021-2027 (2020)<sup>53</sup>; l-Istrateġija dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità 2021-2030 (2021)<sup>54</sup>; il-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025 (2020)<sup>55</sup>; l-Istrateġija tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u s-sostenn tal-ħajja Lhudija (2021)<sup>56</sup>; l-Istrateġija tal-UE għad-drittijiet tat-tfal (2021)<sup>57</sup>; il-Garanzija għat-Tfal (2021)<sup>58</sup>; is-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ (2022)<sup>59</sup>; l-Istrateġija l-ġdida tal-UE għal internet aħjar għat-tfal (2022)<sup>60</sup>; u l-HealthyLifeStyle4All (2021)<sup>61</sup>.

Il-programm Erasmus+ jappoġġa din l-inizjattiva: l-organizzazzjonijiet u l-parteċipanti b'anqas opportunitajiet huma fil-qalba tal-prijorità ġenerali tal-programm "Inklużjoni u Diversità", u l-mekkaniżmi u r-riżorsi speċifiċi jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tagħhom. Il-programm Erasmus+ jappoġġa wkoll lill-ġhalliema u lill-persunal kollu tal-iskejjel fl-akkwist ta' kompetenzi ġodda u fl-iżvilupp ta' strateġiji u kurrikuli inklużivi b'azzjonijiet bħall-Akkademji l-ġodda tal-Ġhalliema ta' Erasmus+.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

### • Bażi ġuridika

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill proposta hija konformi mal-Artikoli 165(4) u 166(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

L-Artikolu 165(1) jistipula li l-Unjoni għandha "tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' edukazzjoni ta' kwalità billi tinkoraġġixxi koperazzjoni bejn l-Istati Membri u, jekk ikun meħtieġ, billi tappoġġa u tissupplimenta l-azzjonijiet tagħhom, filwaqt li tirrispetta għalkollox ir-responsabbiltà tal-Istati Membri għal dak li hu kontenut ta' taġħlim u l-organizzazzjoni ta' sistemi ta' edukazzjoni" tagħhom. L-Artikolu 165(2) jispeċifika wkoll li l-azzjoni tal-Unjoni fl-edukazzjoni se tkun immirata, parzjalment, fl-inkoraġġiment tal-iżvilupp ta' edukazzjoni mill-bogħod. L-Artikolu 166(1) jipprevedi li l-Unjoni għandha timplimenta politika ta' taħriġ vokazzjonali sabiex tappoġġa u tissupplimenta l-azzjoni tal-Istati Membri, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ ir-responsabbiltà tal-Istati Membri għall-kontenut u l-organizzazzjoni tat-taħriġ vokazzjonali.

<sup>49</sup> COM (2020) 152 final.

<sup>50</sup> COM (2020) 620 final.

<sup>51</sup> COM (2020) 620 final.

<sup>52</sup> COM (2020) 698 final.

<sup>53</sup> COM (2020) 758 final.

<sup>54</sup> COM (2021) 101 final

<sup>55</sup> COM (2020) 565 final.

<sup>56</sup> COM (2021) 615 final

<sup>57</sup> COM (2021) 142 final

<sup>58</sup> COM (2021) 137 final.

<sup>59</sup> Id-Deċiżjoni (UE) 2021/2316 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2021 dwar Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ (2022), ĠU L 462, 28.12.2021, p. 1–9.

<sup>60</sup> <https://www.betterinternetforkids.eu/en/home> u COM (2012) 196 final

<sup>61</sup> Tartu Call for a Healthy Lifestyle, [https://sport.ec.europa.eu/sites/default/files/ewos-tartu-call\\_en.pdf](https://sport.ec.europa.eu/sites/default/files/ewos-tartu-call_en.pdf)

L-inizjattiva ma tipproponi l-ebda estensjoni tas-setgħa regolatorja tal-UE jew impenji vinkolanti fuq l-Istati Membri. L-Istati Membri se jiddeċiedu kif jimplementaw din ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, skont iċ-ċirkostanzi nazzjonali tagħhom.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta hija f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif previst fl-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).

L-Istati Membri huma responsabbli bis-sħiħ għall-kontenut tat-tagħlim u għall-organizzazzjoni tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ tagħhom. Fl-istess ħin, l-evidenza turi li dawn jiffaċċjaw numru ta' kwistjonijiet komuni relatati mal-eżiti edukattivi u l-benesseri fl-iskola.

Din ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill se tirrispetta bis-sħiħ ir-responsabbiltà tal-Istati Membri għall-kontenut tat-tagħlim u l-organizzazzjoni tas-sistemi tal-edukazzjoni u d-diversità kulturali u lingwistika tagħhom, filwaqt li tirrifletti r-rwol supplimentari u ta' appoġġ tal-UE, u n-natura volontarja tal-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ. Fil-kuntest taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, l-inizjattiva se tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' politiki u mekkaniżmi, kif xieraq għas-sistemi u l-istrutturi nazzjonali tagħhom.

L-inizjattiva ma tipproponi l-ebda estensjoni tas-setgħa regolatorja tal-UE jew impenji vinkolanti fuq l-Istati Membri. Il-valur miżjud Ewropew tagħha jinsab prinċipalment fil-kapaċità tal-UE li timmobilizza l-involvement politiku fil-livell nazzjonali u li tappoġġa s-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ permezz ta' linji gwida ta' politika, għodod u strumenti komuni (Erasmus+, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Fond Soċjali Ewropew+, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Programm Ewropa Diġitali, Orizzont Ewropa, l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, il-Fond għall-Ażil, għall-Migrazzjoni u għall-Integrazzjoni, eċċ.), filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ is-sussidjarjetà.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta hija f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif previst fl-Artikolu 5(4) tat-TUE.

La l-kontenut u lanqas il-forma ta' din ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill proposta ma jaqbuż dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tagħha. L-impenji li l-Istati Membri se jagħmlu huma ta' natura volontarja u kull Stat Membru jibqa' liberu li jiddeċiedi dwar liema approċċ għandu jieħu.

- **Għażla tal-istrument**

Sabiex jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-oġġettivi msemmija fl-Artikoli 165 u 166 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, it-Trattat jipprevedi l-adozzjoni mill-Kunsill ta' rakkomandazzjonijiet, fuq proposta mill-Kummissjoni.

Rakkomandazzjoni tal-Kunsill hija strument xieraq fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, fejn l-UE għandha responsabbiltà ta' appoġġ, u hija strument li ta' spiss intuża għal azzjoni Ewropea f'dawn l-oqsma. Bħala strument legali, tissenjala l-impenn tal-Istati Membri lejn il-miżuri ppreżentati u tipprovdi bażi politika aktar b'saħħitha għall-kooperazzjoni f'dan il-qasam, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ l-awtorità tal-Istati Membri fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

### 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

#### • Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti

Fl-2019, ġiet ippubblikata valutazzjoni indipendenti tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2011 dwar linji politiċi sabiex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskejjel<sup>62</sup>. L-istudju kopra 37 pajjiż tal-UE u mhux tal-UE. kien indirizza:

- is-sitwazzjoni u x-xejriet fil-livell Ewropew u nazzjonali u l-arranġamenti nazzjonali għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tat-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ;
- ħarsa ġenerali u eżempji tal-miżuri implimentati fil-livell nazzjonali għall-prevenzjoni, għall-intervent u għall-kumpens, kif ukoll evidenza tal-effettività;
- analiżi tar-rwol u l-influenza tar-Rakkomandazzjoni tal-2011 u l-ġhodod ta' politika assoċjati tal-UE f'termini tar-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u s-sostenibbiltà tagħhom;
- il-ħtieġa ta' appoġġ futur fil-livell tal-UE sabiex jiġi indirizzat it-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ, u n-natura ta' tali appoġġ.

#### • Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati

Il-proposta hija bbażata fuq l-input miġbur matul proċess ta' konsultazzjoni estensiv<sup>63</sup>. Dan jinkludi:

- konsultazzjoni pubblika miftuħa ta' 14-il ġimgħa dwar l-inizjattiva l-ġdida, li tibda mill-24 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru 2021;
- diskussjonijiet fil-laqgħat tad-Diretturi Ġenerali għall-Iskejjel;
- sensiela ta' workshops online dedikati bejn Mejju u Settembru 2021 ma' rappreżentanti tal-ministeru u organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati (inklużi rappreżentanti tal-ġhalliema u ta' min iħarreġ, studenti, ġenituri u żgħażaġħ, sħab soċjali u NGOs li jirrappreżentaw varjetà ta' partijiet ikkonċernati) kif ukoll ma' esperti fil-qasam.

#### • Ġbir u użu tal-ġharfien espert

Il-proposta hija bbażata fuq:

- it-tagħlimiet meħuda mill-implimentazzjoni tal-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni politika Edukazzjoni u Taħriġ 2020 (rapporti ta' gruppi ta' ħidma, prattiki miġbura u kondiviżi permezz tal-Ġhodod Ewropej għall-Iskejjel, eċċ.);

<sup>62</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, l-Isport u l-Kultura (2019), Donlevy, V., Day, L., Andriescu, M., Downes, P., *Assessment of the implementation of the 2011 Council recommendation on policies to reduce early school leaving: final report*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.

<sup>63</sup> Rapport fil-qosor huwa meħmuż mad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal; ir-rapport ta' sinteżi sħiħ jinsab fuq: [https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/13019-Pathways-to-school-success-tackling-underachievement-in-basic-skills-and-early-leaving-from-education-and-training/public-consultation\\_mt](https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/13019-Pathways-to-school-success-tackling-underachievement-in-basic-skills-and-early-leaving-from-education-and-training/public-consultation_mt)

- valutazzjoni indipendenti tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2011 dwar linji politiċi sabiex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskejjel (ara hawn fuq);
- firxa wiesgħa ta' rapporti u studji eżistenti u li ġew ikkummissjonati reċentement dwar: l-impatt mistenni tal-kriżi tal-COVID fuq l-eżiti edukattivi, l-ekwità fl-edukazzjoni, is-sistemi inklużivi, il-bullying fl-iskejjel, l-edukazzjoni soċjali u emozzjonali, il-benesseri fl-iskola, l-involviment tal-ġenituri, il-kwalità tal-ħajja fl-iskejjel, ir-riformi tal-politika li jispjegaw stejjer ta' PISA ta' suċċess, eċċ.;
- l-immappjar ta' proġetti ta' Erasmus+ relatati mal-promozzjoni ta' eżiti edukattivi aħjar, il-ġlieda kontra l-progress insuffiċjenti u t-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ u l-appoġġ għall-benesseri fl-iskola.
- l-għarfien espert tal-akkademiċi u ta' esperti esterni oħrajn li kkontribwew għarfien u pariri bbażati fuq l-evidenza permezz tan-Network ta' Esperti li jaħdmu fuq id-dimensjoni Soċjali tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ (NESET)<sup>64</sup> u l-Bord Editorjali tal-Għodod Ewropej għall-Iskejjel.
- l-analiżi tar-rapporti u l-istudji mill-OECD, mill-UNESCO u mill-Kunsill tal-Ewropa, kif ukoll il-ħidma taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea, tas-Cedefop u tal-Eurydice.

Din l-informazzjoni hija inkluża fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanjaha.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Minħabba l-approċċ komplementari tal-attivitajiet għall-inizjattivi tal-Istati Membri, in-natura volontarja tal-attivitajiet proposti u l-ambitu tal-impatti mistennija, ma twettqitx valutazzjoni tal-impatt. L-iżvilupp tal-proposta kien informat minn studji preċedenti<sup>65</sup>, il-konsultazzjoni mal-Istati Membri u l-konsultazzjoni pubblika.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Din il-proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill hija konformi mad-drittijiet u mal-prinċipji fundamentali rikonnoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali stabbilit fl-Artikolu 8, il-libertà akkademika stabbilita fl-Artikolu 13, id-dritt għall-edukazzjoni stabbilit fl-Artikolu 14, u d-dritt għan-nondiskriminazzjoni previst fl-Artikolu 21.

Il-miżuri se jitwettqu f'konformità mal-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data* personali, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679<sup>66</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data* (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*).

---

<sup>64</sup> <https://nesetweb.eu/en/>

<sup>65</sup> Ir-referenzi sħaħ huma disponibbli fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

<sup>66</sup> ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1–88.

#### 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din l-inizjattiva ma hijiex se teħtieġ riżorsi addizzjonali mill-baġit tal-UE.

#### 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-  
evalwazzjoni u r-rapportar**

Sabiex tappoġġa l-implimentazzjoni, il-Kummissjoni tippromovi li tiżviluppa, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, attivitajiet ta' taġħlim bejn il-pari u l-identifikazzjoni ta' prattika tajba, kif ukoll riċerka, materjal ta' gwida, manwali u riżultati konkreti oħrajn bbażati fuq l-evidenza. Il-Kummissjoni qiegħda tippjana li tkompli tiżviluppa l-Għodod Ewropej għall-Iskejjel fi ħdan il-Pjattaforma Ewropea l-ġdida għall-Edukazzjoni Skolastika sabiex tikkomunika s-sejbiet, l-eżempji ta' suċċess u kwalunkwe riżorsa rilevanti oħra.

Il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tirrapporta dwar l-użu tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill fil-ħidma fuq l-implimentazzjoni tal-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Deskrizzjoni ġenerali tal-proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill u  
dokument ta' ħidma tal-persunal**

Filwaqt li tibni fuq l-esperjenza tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2011, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill proposta tgħaqqad in-novità mal-kontinwità, toffri soluzzjonijiet ġodda u testendi u taġġorna xi komponenti tat-test li se tħassar.

B'kontinwità mar-Rakkomandazzjoni tal-2011, il-proposta tenfasizza l-ħtieġa li jiġu kkombinati miżuri ta' prevenzjoni, ta' intervent u ta' kumpens. Madankollu, taġħmel enfasi aktar b'saħħitha fuq il-miżuri preventivi u tirrikonoxxi li b'żonnijiet/pubbliku differenti jeħtieġu tipi differenti ta' azzjonijiet. Il-proposta tinkorpora aspetti li ma kinux indirizzati (jew ma kinux indirizzati biżżejjed) fit-test tal-2011, bħall-governanza tal-iskejjel u l-mekkaniżmi ta' assigurazzjoni tal-kwalità; il-kunċett ta' approċċ għal skola sħiħa u ta' kollaborazzjoni u sħubija fl-iskejjel u madwarhom; ir-rwol ewlieni tal-iżgurar tal-benesseri, l-apprendiment soċjali u emozzjonali; u ambjenti ta' apprendiment aktar sikuri, aktar tajbin għas-saħħa u ta' appoġġ akbar.

Il-proposta tippromovi gwida u azzjoni li jistgħu jiġu segwiti mill-Istati Membri sabiex jiġu promossi eżiti edukattivi aħjar għaż-żgħażagħ Ewropej, u tistabbilixxi l-impenn tal-Kummissjoni Ewropea sabiex tappoġġa u tikkomplementa l-azzjonijiet tal-Istati Membri f'dan il-qasam.

Id-dokument ta' ħidma tal-persunal ta' akkumpanjament jistabbilixxi evidenza tar-riċerka, opinjonijiet tal-partijiet ikkonċernati u esperjenzi miġbura fil-fażi ta' konsultazzjoni, u jipprovdi eżempji ta' politiki u proġetti eżistenti li jirfdu l-politika promossa fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill proposta.

Proposta għal

## **RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

### **dwar il-Perkorsi għas-Suċċess fl-Iskola**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 165(4) u 166(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali<sup>67</sup> jenfasizza fl-ewwel u fil-ħdax-il prinċipju tiegħu l-importanza li tiġi ggarantita edukazzjoni ta' kwalità u inklużiva għal kulħadd, minn età żgħira. L-implimentazzjoni effettiva ta' daww il-prinċipji tiddependi mir-riżoluzzjoni u l-azzjoni tal-Istati Membri. L-azzjonijiet fil-livell tal-UE jistgħu jikkomplementaw l-azzjonijiet nazzjonali u l-Kummissjoni ppreżentat il-kontribut tagħha fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.<sup>68</sup>
- (2) Fit-30 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni Ewropea adottat Komunikazzjoni dwar il-kisba sal-2025 taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, li tikkunsidra l-inklużività bħala waħda mis-sitt dimensjonijiet tagħha<sup>69</sup>. Fit-18 ta' Frar 2021, il-Kunsill adotta r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021 – 2030)<sup>70</sup>.
- (3) Fid-diskors tagħha tal-2021 dwar l-Istat tal-Unjoni Ewropea, il-President tal-Kummissjoni Ewropea pproponiet li l-2022 issir is-sena Ewropea taż-Żgħażaġġ, li jiġu offruti opportunitajiet akbar għaż-żgħażaġġ sabiex isawru l-futur tal-Ewropa u jkunu involuti f'deċiżjonijiet li jaffettwaw lil ħajjithom.
- (4) Fir-rapport finali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, iċ-ċittadini jappellaw lill-Unjoni biex sal-2025 tistabbilixxi Żona Ewropea tal-Edukazzjoni li tkun inklużiva u li fiha i-ċittadini kollha jkollhom aċċess ugwali għal edukazzjoni ta' kwalità u taġħlim tul il-ħajja, inklużi daww f'żoni rurali u remoti<sup>71</sup>. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2020 tistabbilixxi l-inklużjoni u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala dimensjoni ewlenija taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni li għandha tinkiseb sal-2025, u tappella għad-diżakkoppjar tal-eżiti tal-edukazzjoni mill-istatus soċjoekonomiku. Il-Kunsill qabel li, sal-2030, is-sehem ta' daww li għandhom 15-il sena bi prestazzjoni baxxa fil-

<sup>67</sup> COM (2017) 250

<sup>68</sup> COM (2021) 102

<sup>69</sup> COM (2020) 625 final

<sup>70</sup> ĠU C 66, 26.2.2021, p. 1–21

<sup>71</sup> *Conference on the Future of Europe – Report on the Final Outcome*, May 2022, Proposal 46 (p. 88).

qari, fil-matematika u fix-xjenza jenħtieġ li jkun anqas minn 15 % u impenja ruħu li jnaqqas is-sehem ta' dawk li jitolqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ għal anqas minn 9 %.

- (5) Għalkemm kien hemm titjib sinifikanti fir-rata ta' dawk li jitolqu kmieni fil-livell tal-UE, u din naqset bi 3,9 punti perċentwali fil-perjodu ta' bejn l-2010 u l-2021, ħafna studenti għadhom jitolqu mill-edukazzjoni qabel iż-żmien. Is-sehem ta' dawk li jitolqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ kien ta' 9,7 % fl-2021 madwar l-UE bħala medja, f'tit anqas mill-mira tal-ET2020 tal-livell tal-UE ta' 10 % stabbilita għall-2020. Aktar minn 3,2 miljun żagħżuġ u żagħżuġha fl-UE (ta' bejn it-18 u l-24 sena) jitolqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ u għalhekk huma mċaħħda minn opportunità ġusta ta' karriera professjonali ta' suċċess. Għadhom jeżistu differenzi konsiderevoli bejn il-pajjiżi u fi hndanhom, b'inugwaljanzi persistenti fost gruppi speċifiċi (eż. migranti, irġiel żgħażaġh, minoranzi etniċi bħar-Rom, iż-żgħażaġh f'żoni rurali u remoti jmorru anqas tajjeb).
- (6) Ir-riżultati tal-Programm tal-OECD għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudjenti (PISA) tal-2018 juru xejra li qiegħda tiddeterjora fin-numru ta' persuni bi prestazzjoni baxxa fil-ħiliet bażiċi matul il-perjodu ta' bejn l-2009 u l-2018. Illum il-ġurnata, wieħed minn kull ħames Ewropej ta' 15-il sena għad ma għandux kompetenzi adegwati fil-qari, fil-matematika jew fix-xjenza. Barra minn hekk, ir-riżultati tal-Istudju Internazzjonali dwar il-Litteriżmu fil-Kompjuter u fl-Informazzjoni (ICILS) tal-2018 juru li għoxrin fil-mija taż-żgħażaġh fl-UE ma għandhomx ħiliet diġitali bażiċi, filwaqt li jiżvelaw ukoll diskrepanzi serji fil-prestazzjoni f'termini ta' status soċjoekonomiku, li joħolqu riskju għall-approfondiment tad-distakk diġitali<sup>72</sup>.
- (7) Id-*data* tikkonferma li l-isfond soċjoekonomiku huwa l-aktar fattur ta' tbsair b'saħħtu tal-eżiti edukattivi. L-istudenti minn sfondi żvantaġġati huma rrappreżentati żżejjed fost dawk li jitolqu mill-edukazzjoni u t-taħriġ mingħajr kwalifika sekondarja tat-tieni livell fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE. PISA tal-2018 żvela li l-proporzjon ta' dawk li ma jagħmlux progress suffiċjenti fil-qari fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE huwa ħafna akbar fil-kwart ta' isfel tal-indiċi tal-istatus ekonomiku, soċjali u kulturali (ESCS) meta mqabbel mal-istudenti fl-ogħla kwart tal-ESCS sa aktar minn 40 punt perċentwali f'xi pajjiżi tal-UE. Il-letteratura akkademika tikkonferma li l-istudenti bi sfond soċjoekonomiku baxx għandhom it-tendenza li jesperjenzaw aktar diffikultajiet fl-iżvilupp ta' ħiliet akkademiki u lingwistiċi. Dawn juru problemi ta' mġiba relatati mal-apprendiment aktar ta' spiss, juru motivazzjoni aktar baxxa lejn l-apprendiment, iħallu l-edukazzjoni u t-taħriġ aktar kmieni, u jitolqu bi kwalifiki aktar baxxi u b'kompetenzi insuffiċjenti għall-parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetà.
- (8) Matul dawn l-aħħar snin, l-Istati Membri integraw numru kbir ta' migranti minn pajjiżi terzi (inklużi r-rifuġjati<sup>73</sup>) fl-età tal-iskola fis-sistemi edukattivi tagħhom. Jinħolqu sfidi ulterjuri fil-kuntest ta' persuni li jaħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna, li proporzjon kbir minnhom huma tfal fl-età tal-iskola li jeħtieġu appoġġ immirat għall-apprendiment (inkluż l-akkwist tal-lingwa fejn ikunu qeġħdin jattendu l-iskola) u appoġġ psikosoċjali.

<sup>72</sup> Filwaqt li l-ħiliet diġitali jridu jitqiesu fost il-ħiliet bażiċi, dawn ma humiex indirizzati b'mod espliċitu mill-Perkorsi għas-Suċċess fl-Iskola, kif diġà jinsabu fiċ-ċentru ta' inizjattivi oħrajn bħall-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali.

<sup>73</sup> It-terminu "rifuġjat" jintuża f'dan it-test f'sens politiku wiesa' aktar milli kif definit fil-Konvenzjoni ta' Ġinevra u l-*acquis* tal-UE dwar l-ażil.

- (9) Il-PISA tal-2015 u tal-2018 xeħtu wkoll dawl fuq it-tnaqqis tas-sens tal-istudenti li jappartjenu fl-iskola u fuq il-bullying/il-bullying ċibernetiku mifruxa u li dejjem qegħdin jiżdiedu. Ir-riċerka tenfasizza l-importanza tal-benesseri emozzjonali, soċjali u fiżiku fl-iskejjel sabiex jissaħħu l-opportunitajiet tat-tfal u taż-żgħażaġħ ħalli jirnexxu fl-edukazzjoni u fil-ħajja. Din tikkonferma li l-problemi tas-saħħa mentali, kif ukoll il-vjolenza u l-bullying, ir-razziżmu, il-ksenofobija u forom oħra ta' intolleranza għandhom effetti devastanti fuq il-benesseri emozzjonali u l-eżiti edukattivi tat-tfal u taż-żgħażaġħ. Ir-riċerka turi wkoll li l-gruppi żvantaġġati huma f'riskju akbar li jkunu soġġetti għall-bullying, u l-istudenti minn skejjel żvantaġġati soċjoekonomikament jħossu sens aktar dgħajjef ta' appartenenza minn sħabhom li huma aktar sinjuri.
- (10) Il-pandemija tal-COVID għamlet dawn l-isfidi saħansitra aktar importanti sabiex jiġu indirizzati. Diversi studji jissuġġerixxu li l-kriżi tista' żżid il-probabbiltà għall-istudenti f'riskju li jibqgħux iħossuhom parti mill-iskola sabiex fil-fatt jitolqu mill-iskola qabel iż-żmien u kellha effetti detrimental fuq is-saħħa u l-benesseri mentali tal-istudenti b'mod ġenerali.
- (11) Fl-2011, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni dwar linji politiċi sabiex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskejjel<sup>74</sup>. Twettqet ħidma estensiva fil-livell Ewropew u dak nazzjonali sabiex tiġi implimentata r-Rakkomandazzjoni, b'mod partikolari permezz ta' taġħlim bejn il-pari u skambji ta' Prattiki tajbin bejn l-Istati Membri fi ħdan il-qafas tal-ET 2020 għall-kooperazzjoni fil-politika<sup>75</sup>. Firxa wiesgħa ta' rizzorsi, eżempji ta' miżuri ta' suċċess u materjal tar-rizzorsi huma disponibbli online permezz tal-Għodod Ewropej għall-Iskejjel<sup>76</sup> u s-sett ta' għodod tal-VET tas-Cedefop sabiex jiġi indirizzat it-tluq bikri. Valutazzjoni indipendenti tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni ppubblikata fl-2019<sup>77</sup> tipprova indikazzjoni b'saħħitha li din ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill u s-sett ta' għodod ta' politika tal-UE li jakkumpanjaha ħeġġew it-trasformazzjonijiet fi ħdan l-istituzzjonijiet u l-politiki edukattivi u appoġġaw it-tnaqqis tat-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ. Din tenfasizza wkoll oqsma li fihom hija meħtieġa aktar ħidma.
- (12) Il-programm Erasmus+ appoġġa diversi proġetti tranżnazzjonali dwar l-inklużjoni f'diversi setturi edukattivi, li jindirizzaw il-progress insuffiċjenti u t-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ. Għall-perjodu ta' bejn l-2021 u l-2027, l-inklużjoni hija waħda mill-prijoritajiet ġenerali ta' Erasmus+. Il-programm jinkludi wkoll prijorità ta' politika speċifika sabiex jiġu indirizzati l-iżvantaġġi tal-apprendiment, it-tluq bikri mill-iskola u l-profiċjenza baxxa fil-ħiliet bażiċi, li tippermetti lill-partijiet ikkonċernati għall-finanzjament ta' Erasmus+ jimplementaw rakkomandazzjonijiet ta' politika.
- (13) Il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) 2014-20 immobilizzaw investimenti sinifikanti sabiex jindirizzaw it-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ li jappoġġaw diversi proġetti fuq skala kbira f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2011. Il-Fond Soċjali Ewropew+ jappoġġa individwi, reġjuni u Stati

<sup>74</sup> ĠU C 191, 1.7.2011, p. 1–6

<sup>75</sup> Ara <https://education.ec.europa.eu/mt/education-levels/school-education/school-education-initiatives/early-school-leaving>

<sup>76</sup> <https://www.schooleducationgateway.eu/mt/pub/resources/toolkitsforschools.htm>

<sup>77</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, l-Isport u l-Kultura (2019), Donlevy, V., Day, L., Andriescu, M., Downes P., *Assessment of the implementation of the 2011 Council recommendation on policies to reduce early school leaving: final report*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.

Membri li qegħdin jiffaċċjaw sfidi distinti - mill-irkupru mill-pandemija tal-COVID sal-issodisfar tal-miri tal-UE għall-impjegi, l-inklużjoni soċjali, l-edukazzjoni u l-klima. L-użu għall-interventi ta' programmazzjoni skont il-FSIE u l-fondi tal-politika ta' koeżjoni ta' bejn l-2021 u l-2027 huwa informat, fost l-oħrajn, mir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż maħruġa fil-qafas tas-Semestru Ewropew.

- (14) L-Istrument ta' Appoġġ Tekniku joffri lill-Istati Membri l-possibbiltà li jirċievu appoġġ, fuq talba, għal riformi mfassla apposta f'diversi oqsma, bħal, pereżempju, it-titjib tal-eżiti edukattivi għat-tfal, it-titjib tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, l-istabbiliment ta' strateġiji u pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali dwar l-indirizzar u l-prevenzjoni tat-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ, l-iżvilupp ta' għodod sabiex jappoġġaw ir-reklutaġġ tal-għalliema u l-iżvilupp professjonali, jew it-tnejn u l-implimentazzjoni tar-riforma tal-kurrikulu. L-Istrument ta' Appoġġ Tekniku u l-Programm ta' Appoġġ għal riformi Strutturali, il-predeċessor tiegħu, intużaw minn diversi Stati Membri sabiex jappoġġaw riformi dwar il-prevenzjoni ta' tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ, speċjalment fir-rigward ta' tfal minn sfondi vulnerabbli.
- (15) It-tfal u l-adolesxenti jeħtieġu sett ibbilanċjat ta' kompetenzi konjittivi, soċjali u emozzjonali sabiex jiksbu eżiti pożittivi fl-iskola u fil-ħajja. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kompetenzi ewlenin għall-apprendiment tul il-ħajja<sup>78</sup> tiddefinixxi kompetenzi personali, soċjali u tal-kapaċità ta' apprendiment dwar kif titgħallim. Din tinkludi l-kapaċità ta' ġestjoni tal-inċertezza u l-kumplessità, ta' appoġġ għall-benesseri fiżiku u emozzjonali proprju, il-kapaċità li wieħed jieħu ħsieb is-saħħa fiżika u mentali tiegħu, li jiżviluppa relazzjonijiet kollaborattivi u pożittivi, u li jkun jista' jgħix ħajja orjentata lejn il-futur u b'mod konxju dwar is-saħħa, filwaqt li jiġġestixxi l-kunflitti f'kuntast inklużiv u ta' appoġġ.
- (16) Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-għalliema u l-ħarrieġa Ewropej għall-futur<sup>79</sup> jirrikonoxxu li l-għalliema, il-ħarrieġa u l-mexxejja tal-iskejjel huma forza indispensabbli li tixpruna l-edukazzjoni u t-taħriġ u jenfasizzaw il-ħtieġa li jkomplu jiġu żviluppanti u aġġornati l-kompetenzi tagħhom. Il-Komunikazzjoni dwar iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill irrikonoxxew ir-rwol kritiku tal-għalliema u tal-ħarrieġa.
- (17) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal ta' kwalità għolja<sup>80</sup> tenfasizza li l-aċċess għal servizzi ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal ta' kwalità għat-tfal kollha jikkontribwixxi għall-iżvilupp tajjeb għas-saħħa u s-suċċess edukattiv tagħhom, jgħin sabiex jitnaqqsu l-inugwaljanzi soċjali u jnaqqas id-distakk fil-kompetenza bejn it-tfal bi sfondi soċjoekonomiċi differenti.
- (18) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tagħlim imħallat għal edukazzjoni primarja u sekondarja ta' kwalità għolja u inklużiva<sup>81</sup> tippromwovi approċċi ta' tagħlim imħallat, li jikkombinaw l-ambjenti ta' apprendiment fil-post tal-iskola u mill-bogħod kif ukoll għodod ta' apprendiment diġitali u mhux diġitali, bil-għan li jinbnew sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ aktar reżiljenti u inklużivi. Prattiki bħal dawn jippermettu approċċi u għodod diversifikati sabiex jappoġġaw aħjar lill-istudenti bi bżonnijiet speċifiċi jew minn gruppi żvantaġġati u jtejbu l-motivazzjoni tal-apprendiment tagħhom.

<sup>78</sup> ĠU C 189, 4.6.2018, p. 1–13

<sup>79</sup> ĠU C 193, 9.6.2020, p. 11–19

<sup>80</sup> ĠU C 189, 5.6.2019, p. 4–14

<sup>81</sup> COM(2021) 455 final

- (19) L-Aġenda Ewropea għall-Ħiliet<sup>82</sup> tiddefinixxi azzjonijiet sabiex tissaħħaħ il-kompetittività sostenibbli u tinbena r-reżiljenza sabiex ikun hemm reazzjoni għall-kriżijiet u sabiex l-individwi u n-negozji jiġu megħjuna jiżviluppaw aktar ħiliet u ħiliet aħjar, abbażi tat-tagħlimiet meħuda matul il-pandemija tal-COVID. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza<sup>83</sup> tipproponi viżjoni ta' politika mġedda tal-UE tal-VET, li għandha rwol ewlieni fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra t-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ u fil-promozzjoni tal-ugwaljanza tal-opportunitajiet.
- (20) Il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali<sup>84</sup> jistabbilixxi azzjonijiet sabiex jittejjbu l-ħiliet u l-kompetenzi diġitali għat-trasformazzjoni diġitali, sabiex jiġi żgurat li l-ebda student ma jitħalla jibqa' lura u li l-gradwati jkollhom il-kompetenzi meħtieġa fis-suq tax-xogħol. Dan jipprevedi l-iżvilupp ta' linji gwida komuni għall-għalliema u l-persunal edukattiv sabiex irawmu l-litteriżmu diġitali u jindirizzaw id-diżinformazzjoni, aġġornament tal-Qafas Ewropew ta' Kompetenza Diġitali u proposta ppjanata għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-titjib tal-forniment ta' ħiliet diġitali fl-edukazzjoni u t-taħriġ. Il-Pjan ta' Azzjoni jinkoraġġixxi wkoll l-eliminazzjoni tad-differenza bejn il-ġeneri fi STEM.
- (21) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal tistieden lill-Istati Membri jiggarantixxu aċċess effettiv u liberu għall-edukazzjoni u attivitajiet ibbażati fl-iskola għat-tfal fil-bżonn (jiġifieri f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali, b'mod partikolari r-Rom). L-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal titlob li tinbena edukazzjoni inklużiva ta' kwalità. L-Istrateġija l-ġdida tal-UE għal internet aħjar għat-tfal titlob li jinbena ambjent diġitali fejn it-tfal huma protetti, mogħtija s-setgħa u rispettati u tenfasizza li t-tfal f'sitwazzjonijiet vulnerabbli jenħtieġ li jkollhom opportunitajiet indaqs sabiex jisfruttaw l-opportunitajiet tad-deċennju diġitali.
- (22) Ġenerazzjoni ġdida ta' strateġiji ta' ugwaljanza u oqfsa ta' politika ta' inklużjoni tal-UE adottati fl-2020 u l-2021<sup>85</sup> enfasizzat bil-qawwa l-promozzjoni tal-ekwità u l-inklużjoni u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fl-edukazzjoni b'appoġġ immirat għal dawk l-aktar żvantaġġati u d-diskriminati.
- (23) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Pont għall-Impjiegi – It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ<sup>86</sup> tirrakkomanda li jiġi ffaċilitat ir-ritorn taż-żgħażaġh fl-edukazzjoni u t-taħriġ billi tiġi diversifikata l-offerta ta' edukazzjoni kontinwa, filwaqt li tiġi żgurata, fejn xieraq, il-validazzjoni tal-apprendiment mhux formali u informali. Barra minn hekk, l-inizjattiva ALMA<sup>87</sup> (Aim, Learn, Master, Achieve) tgħin liż-żgħażaġh żvantaġġati li għandhom bejn it-18 u t-30 sena li ma humiex f'impjeg, f'edukazzjoni jew f'taħriġ (NEETs) isibu t-triq tagħhom lejn is-suq tax-xogħol f'pajjiżhom billi

<sup>82</sup> COM (2020) 274 final

<sup>83</sup> ĠU C 417, 2.12.2020, p. 1–16

<sup>84</sup> COM (2020) 624 final

<sup>85</sup> L-istrateġija dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri 2020-2025 (2020), il-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025 (2020), il-qafas strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni 2020-2030 (2020) u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill relatata tiegħu (2021), l-istrateġija dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025 (2020), il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-integrazzjoni u l-inklużjoni 2021-2027 (2021), l-Istrateġija dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità 2021-2030 (2021), l-istrateġija tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u s-sostenn tal-ħajja Lhudija (2021).

<sup>86</sup> ĠU C 372, 4.11.2020, p. 1-9.

<sup>87</sup> See <https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1549&langId=mt>

tgħaqquad l-appoġġ għall-edukazzjoni, għat-taħriġ vokazzjonali jew għall-impjieg ma' kollokament tax-xogħol fi Stat Membru ieħor tal-UE, sabiex itejbu l-ħiliet, l-għarfien u l-esperjenza tagħhom.

- (24) It-tagħlimiet meħuda mill-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2011, l-għarfien ġdid mir-riċerka u l-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati jitolbu approċċ usa', aktar inklużiv u sistemiku għas-suċċess fl-iskejjel, li jindirizza simultanament il-mira fil-livell tal-UE dwar il-ħiliet bażiċi u dik dwar it-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ, u li jintegra bis-sħiħ id-dimensjoni tal-benesseri. Approċċ bħal dan jenħtieġ li jiżgura l-iżvilupp tal-kompetenzi meħtieġa sabiex wieħed jirnexxi fl-edukazzjoni u fil-ħajja, u jwassal għal esperjenza ta' apprendiment sinifikanti, involviment, parteċipazzjoni usa' fil-komunità u tranżizzjoni lejn ħajja adulta stabbli.
- (25) L-objettiv li jitnaqqsu l-progress insuffiċjenti u t-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ u li jiġi promoss is-suċċess fl-iskejjel jeħtieġ li jiġi indirizzat sistematikament mill-edukazzjoni u mit-taħriġ madwar l-UE. Fil-livell tas-sistema, il-konsistenza tal-miżuri ta' politika, il-koordinazzjoni ma' oqsma ta' politika rilevanti oħrajn (bħas-saħħa, is-servizzi soċjali, l-impjiegi, l-akkomodazzjoni, il-ġustizzja, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni), u kooperazzjoni effettiva bejn atturi differenti fil-livelli kollha (nazzjonali, reġjonali, lokali, skejjel) huma meħtieġa għal appoġġ ikkoordinat għat-tfal, għaż-żgħażagħ u għall-familji tagħhom. Fl-istess ħin, fil-livell tal-iskejjel jenħtieġ li jiġu promossi approċċi għal skola sħiħa, li jinkorporaw l-oqsma kollha ta' attivitá (it-tagħlim u l-apprendiment; l-ippjanar u l-governanza; eċċ.) u l-involviment tal-atturi ewlenin kollha: l-istudenti, il-mexxejja tal-iskejjel, il-persunal tat-tagħlim u mhux tat-tagħlim, il-ġenituri u l-familji, u l-komunitajiet lokali u usa'<sup>88</sup>.
- (26) Din ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tirispetta bis-sħiħ il-prinċipji tas-sussidjarjetá u tal-proporzjonalitá,

## **B'DAN JIRRAKKOMANDA LI L-ISTATI MEMBRI**

1. Jiżviluppaw jew ikomplu jsaħħu sal-2025 **strateġija integrata u komprensiva lejn is-suċċess fl-iskejjel**, fil-livell xieraq, f'konformitá mal-istruttura tas-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ tagħhom, bil-għan li l-eżiti tal-edukazzjoni jiġu diżakkoppjati mill-istatus soċjoekonomiku, filwaqt li tiġi promossa l-inklużjoni fl-edukazzjoni (inkluż permezz tal-indirizzar tas-segregazzjoni fl-edukazzjoni) u jkompli jitnaqqas it-tluq bikri mill-edukazzjoni u mit-taħriġ u l-progress insuffiċjenti fil-ħiliet bażiċi, kif propost fil-qafas ta' politika fl-Anness. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali għall-benesseri fl-iskola bħala komponent ewlieni tas-suċċess fl-iskola. Strateġija bħal din jenħtieġ li tinkludi **miżuri ta' prevenzjoni, ta' intervent u ta' kumpens** (inklużi miżuri offriti bħala parti mill-Garanzija għaż-Żgħażagħ), tkun **ibbażata fuq l-evidenza u tikkombina miżuri universali ma' dispożizzjonijiet immirati u/jew individwalizzati** għall-istudenti li jeħtieġu attenzjoni u appoġġ addizzjonali f'ambjenti inklużivi (bħal studenti bi sfond soċjoekonomiku żvantaġġat, migranti - inklużi rifuġjati - jew Rom, studenti b'diżabilitajiet viżibbli u mhux viżibbli, dawk bi bżonnijiet edukattivi speċjali jew bi problemi relatati mas-saħħa mentali). Strateġija bħal din jenħtieġ li tkun **ibbażata wkoll fuq kooperazzjoni** strutturata bejn l-atturi li jirrappreżentaw oqsma ta' politika differenti, livelli ta' governanza u livelli edukattivi, jibbenefikaw minn **finanzjament** adegwat u jkunu akkumpanjati minn pjan ċar ta' **implimentazzjoni u evalwazzjoni**.

<sup>88</sup> Ara d-definizzjoni fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal ta' akkumpanjament

2. Jizviluppawu jkomplu jsaħħu' **s-sistemi ta' ġbir u monitoraġġ tad-data** fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali li jippermettu l-ġbir sistematiku ta' informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva dwar l-istudenti kif ukoll dwar fatturi li jaffettwaw l-eżiti tal-apprendiment, speċjalment l-isfond soċjoekonomiku. Dawn is-sistemi jridu jkunu konformi mal-protezzjoni tad-data personali u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali. Dawn jenħtieġ li jiżguraw li d-data u l-informazzjoni diżaggregati dwar firxa wiesgħa ta' aspetti jkunu disponibbli f'livelli ta' politika differenti u jintużaw għall-prevenzjoni u għall-intervent bikri, għall-analiżi u għat-tfassil tal-politika, għat-tmexxija, għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni tal-istrateġija ta' hawn fuq.
3. Fil-kuntest ta' strateġija integrata u komprensiva, jikkombinaw miżuri ta' prevenzjoni, ta' intervent u ta' kumpens bħal daww stabbiliti fil-qafas ta' politika fl-Anness sabiex jappoġġaw:
  - 3.1. **lill-istudenti**, billi jikkombinaw b'mod sistemiku miżuri differenti li jqiegħdu l-interessi u l-bżonnijiet tal-istudenti fiċ-ċentru.
  - 3.2. **lill-mexxejja tal-iskejjel, lill-għalliema, lill-ħarrieġa u lil persunal ieħor**, billi jiżguraw li jkollhom l-għarfien, il-ħiliet, u l-kompetenzi, kif ukoll il-ħin, l-ispazju u l-appoġġ adegwat sabiex jaħdmu b'mod effettiv mal-istudenti f'riskju ta' esklużjoni, progress insuffiċjenti u tluq bikri.
  - 3.3. **lill-iskejjel** fl-iżvilupp ta' "approċċ għal skola sħiħa" għas-suċċess tal-iskejjel, li fih il-membri kollha tal-komunità tal-iskejjel (mexxejja tal-iskejjel, għalliema, ħarrieġa u persunal edukattiv ieħor, studenti, ġenituri u familji u l-komunità lokali) kif ukoll il-partijiet ikkonċernati esterni jinvolvu ruħhom b'mod attiv u kollaborattiv sabiex jippromwovu s-suċċess edukattiv għall-istudenti kollha.
  - 3.4. miżuri fil-**livell tas-sistema** sabiex jittejbu l-ekwità u l-inklużjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ u s-suċċess edukattiv tal-istudenti kollha, inkluż billi jiġu indirizzati l-istrutturi u l-mekkaniżmi li jista' jkollhom impatt partikolarment detrimental fuq l-istudenti li jappartjenu għal gruppi aktar żvantaġġati.
4. Jottimizzaw l-użu tar-**riżorsi** nazzjonali u tal-UE għall-investment fl-infrastruttura, fit-taħriġ, fl-għodod u fir-riżorsi sabiex jiżiedu l-inklużjoni, l-ugwaljanza u l-benesseri fl-edukazzjoni, inklużi l-fondi u l-għarfien espert tal-UE għar-riformi u l-investment fl-infrastruttura, fl-għodod, fil-pedagoġija u fil-ħolqien ta' ambjenti ta' apprendiment tajbin għas-saħħa, b'mod partikolari Erasmus+, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Fond Soċjali Ewropew+, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Programm Ewropa Diġitali, Orizzont Ewropa, l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, eċċ., u jiżguraw li l-użu tal-fondi jkun allinjat mal-istrateġija ġenerali.
5. Jirrapportaw dwar l-istrateġija, il-miżuri meħuda, l-arranġamenti rilevanti ta' monitoraġġ u evalwazzjoni u l-baġit allokat fi ħdan l-arranġamenti ta' rapportar taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u tas-Semestru Ewropew.

#### **B'DAN JISTIENEN LILL-KUMMISSJONI SABIEX:**

1. Tappoġġa l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, kif ukoll inizjattivi relatati bħall-Garanzija Ewropea għat-Tfal, billi tiffaċilita l-apprendiment u l-iskambji reċiproċi fost l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha dwar is-suċċess edukattiv għal kulħadd permezz ta':
  - 1.1. il-qafas Strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030), fejn it-tnaqqis tat-tluq bikri

mill-edukazzjoni u t-taħriġ, it-titjib tal-proficijenza fil-ħiliet bażiċi u l-promozzjoni tal-benesseri tal-istudenti, tal-ġhalliema u tal-ħarrieġa huma oqsma prijoritarji ewlenin;

- 1.2. l-istabbiliment u l-promozzjoni tal-attivitajiet tal-grupp ta' esperti dwar l-appoġġ ta' ambjenti ta' apprendiment għal gruppi f'riskju ta' progress insuffiċjenti u għall-appoġġ tal-benesseri fl-iskola, li se jmessi 'l quddiem il-ħidma dwar l-identifikazzjoni ta' Prattika tajba fir-rigward tal-iżvilupp ta' ambjenti ta' apprendiment ta' appoġġ u tajbin għas-saħħa, il-promozzjoni tas-saħħa mentali, l-istili ta' ħajja tajbin għas-saħħa, u l-benesseri fiżiku u emozzjonali (inkluż billi jiġi indirizzat l-istress posttraumatiku), u għall-prevenzjoni tal-bullying u l-vjolenza fl-iskola, kif ukoll proposti għal adozzjoni effettiva ta' Prattiki ta' suċċess fl-iskejjel u rakkomandazzjonijiet għal attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali.
- 1.3. l-involvement attiv taż-żgħażaġh fl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, inkluż permezz tad-Djalogu Ewropew maż-Żgħażaġħ, sabiex jiġi żgurat li l-opinjoni jiet, il-fehmiet u l-bżonnijiet taż-żgħażaġh, inklużi dawk minn sfondi żvantaġġati, jitqiesu bis-sħiħ.
- 1.4. il-kondiviżjoni ta' Prattiki ta' suċċess (inkluż it-tagħlim bejn il-pari u l-mentoraġġ bejn il-pari), linji gwida u għodod Prattiki sabiex jappoġġaw it-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki u l-Prattiki nazzjonali, reġjonali u lokali, inklużi dawk immirati lejn l-istudenti minn sfondi żvantaġġati, bl-użu tal-pjattaformi u l-komunitajiet online tal-UE għall-edukazzjoni u t-taħriġ, inklużi l-eTwinning, il-Pjattaforma Ewropea l-ġdida għall-Edukazzjoni Skolastika, Erasmus+ Alumni, l-ambaxxaturi tas-Cedefop għall-indirizzar tat-tluq bikri, ir-Rokna tal-Apprendiment għal materjali ta' apprendiment multilingwi fl-UE.
- 1.5. it-tixrid u l-inkoraġġiment tal-użu ta' opportunitajiet għall-promozzjoni, l-appoġġ u l-iffaċilitar tal-inklużjoni, l-ekwità u l-benesseri fl-edukazzjoni fi ħdan il-fondi tal-UE, bħal Erasmus+, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Fond Soċjali Ewropew+, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Programm Ewropa Diġitali, Orizzont Ewropa, l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, eċċ..
- 1.6. l-appoġġ għar-riċerka u l-istħarriġ madwar l-UE kollha; l-inkoraġġiment tal-ħolqien ta' networks ta' riċerka u l-appoġġ tad-djalogu bejn ir-riċerka u l-politika kif ukoll ir-riċerka u l-Prattikanti.
- 1.7. tqis id-Djalogu Strutturat dwar l-edukazzjoni u l-ħiliet diġitali inklużi l-proposti għar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill li jirriżultaw minnu.
2. Tappoġġa l-iżvilupp u t-tixrid ta' materjal ta' gwida u riżorsi dwar is-suċċess edukattiv għall-istudenti kollha (inkluż dwar l-integrazzjoni tal-migranti u l-apprendiment tal-lingwi), f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, inkluż permezz tal-iżvilupp ulterjuri u l-promozzjoni tal-Għodod Ewropej għall-Iskejjel "Promoting inclusive education and tackling early school leaving," il-Compendium of Inspiring Practices on Inclusive and Citizenship Education, u s-sett ta' għodod tal-VET tas-Cedefop għall-indirizzar tat-tluq bikri.
3. Tappoġġa opportunitajiet ta' żvilupp professjonali għall-persunal edukattiv u għal partijiet ikkonċernati oħrajn billi:

- 3.1. tikkondividi prattika tajba minn skambji tal-persunal, proġetti u networks ta' Erasmus+, inkluż permezz tal-komunità online eTwinning, l-Akkademji tal-Għalliema ta' Erasmus+ kif ukoll iċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali.
- 3.2. Tagħmel disponibbli korsijiet online miftuħa massivi (MOOCs) u mikrokredenzjali għall-għalliema, għal min iħarreġ, għall-mexxejja tal-iskejjel u għall-għalliema edukaturi, ospitati mill-Pjattaforma Ewropea l-għdida għall-Edukazzjoni Skolastika u tippromwovi l-użu wiesa' ta' dawn il-korsijiet.
4. Timmonitorja u tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill fil-qafas tas-Semestru Ewropew, (inkluż permezz tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta) u taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni.
5. Timmonitorja u tirrapporta perjodikament dwar il-progress abbażi tal-miri fil-livell tal-UE fil-qafas tar-rapporti dwar iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni; tqis kif jista' jittejjeb il-monitoraġġ fil-livell tal-UE, b'mod partikolari billi tivvaluta l-indikaturi eżistenti fil-livell tal-UE u tipproponi oħrajn ġodda, b'mod partikolari dwar l-inklużjoni u l-ekwità, kif xieraq u meħtieġ.
6. Tħassret ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2011 dwar linji politiċi sabiex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskejjel. [Din ir-Rakkomandazzjoni tħassar u tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2011 dwar linji politiċi sabiex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskejjel, ĠU C 191, 1.7.2011]

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*